# LECTIO DIVINA

# IT-TIELET ĦADD TAR-RANDAN (Ċ)

**Lq 13,1-9**

**Dak il-ħin stess ġew xi wħud għand Ġesù**

Din is-silta diġà dritt wara li Ġesù jċanfar lin-nies għax mhux kapaċi jaqraw iż-żmien preżenti: «Uċuħ b'oħra, tafu taqraw wiċċ is-sema, u wiċċ l-art ukoll; mela ż-żmien ta' issa kif ma tafux tfissruh?» Għad-dixxiplu issa hu l-mument biex iħalli n-*nar* li Kristu ġie jqiegħed fuq l-art ikebbes lil qalbu u jibdilha. Hu stess għadu jkun kapaċi ta' *għażla*: «U għala ma tiġġudikawx intom stess x'inhu s-sewwa?» (12:57). Kull fatt tal-istorja għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl taż-żmien tas-salvazzjoni: «Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju.» (*Mk* 1:15). Huwa ż-żmien biex wieħed joħroġ mill-aljenazzjoni u jaqra l-ġrajjiet tad-dinja b'għajnejn *kontemplattivi* li jwasslu għal għemil ta' konverżjoni: «intom tafu f'liema żmien qegħdin. Waslet is-siegħa li tqumu min-ngħas [...] Il-lejl għoddu għadda, u qorob il-jum. Inwarrbu mela l-għemil tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl.» (*Rum* 13:11-12). Għad-dixxiplu l-*kronaka* trid "tinħadem" fil-qalb li tisma' l-Kelma ta' Alla – hija t-talba ta' Salamun sabiex ikun jista' jkun sultan kbir («*lev shomea*», *1 Slat* 3:9); huwa l-atteġġjament ta' Omm Ġesù: «tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha» (*Lq* 2:19). Għaldaqstant wieħed irid jibqa' mbiegħed minn interpretazzjonijiet superfiċjali tar-realtà. *"Biex nifhmu s-sinjali taż-żmien l-ewwel ma hu meħtieġ hu s-silenzju: is-silenzju li jgħinek tosserva. Wara mbagħad nirriflettu fuqna nfusna. Bħala eżempju nistaqsu: għaliex hawn tant gwerrer bħalissa? Għaliex jiġru ċerti affarijiet? U nitolbu: silenzju, riflessjoni u talb. B'hekk biss nistgħu nifhmu s-sinjali taż-żmien, dak li jrid jgħidilna Ġesù."* (Franġisku, 23 Ottubru 2015).

**u qalulu b'dawk il-Galilin li Pilatu kien ħallat demmhom mad-demm tal-vittmi tas-sagrifiċċji tagħhom**.
Jiġi mressaq fatt ta' vjolenza, omiċidju u sagrileġġ; l-esperjenza ta' tbatija ta' bniedem fuq bniedem ieħor. Fuq kollox huwa fatt li jittratta dawk li kienu mill-istess post ta' Ġesù: il-Galilija. Biss in-«nar» li ġie jqiegħed Ġesù (12:49) mhuwiex dak ta' taqbida politika kontra l-mexxejja tal-art: «saltnati mhijiex ta' hawn» (*Ġw* 18:36). Quddiem azzjonijiet li jidhru inaċċettabli ta' krudeltà u ta' profanazzjoni tas-sagru (cfr *Lam* 2:20), Ġesù juri *żelu* differenti minn dak ta' «Ġuda l-Galilew» (*Atti* 5:37): hu *ż-żelu* għal dak li hu tal-*Missier* (cfr *Ġw* 2:17; 4:34) u għal *ġustizzja ogħla* minn dik tal-kittieba u l-Fariżej (cfr *Mt* 5:20). Quddiem il-fatti tal-ġurnata Ġesù jistieden lid-dixxiplu biex ma jaqax fin-nasba ta' min ma jaħsibx fil-ħwejjeġ ta' Alla, imma f'dawk tal-bnedmin! (cfr *Mk* 8:33); jistiednu jkun persuna ta' dixxerniment u mhux bħal «uħud» li jaqraw kif jaqblilhom il-ġrajjiet skont l-interessi li hemm ġewwa fihom: *"The priesthood is born not of history, but of the immutable will of God. Nonetheless, it interacts with historical circumstances and – while remaining ever identical – assumes tangible form in the concreteness of choices also through an evangelical reading of "the signs of the times". For this reason it is the duty of priests to interpret such "signs" in the light of the faith and submit them to prudent discernment. In any case, priests will not be able to ignore them, especially if they wish to orient their life in an efficacious and germane way in order to render their service and their witness for the Kingdom of God fruitful."* (Directory for the Ministry and the Life of Priests, 45.)

**U Ġesù qabad u qalilhom: «Taħsbu intom li dawk il-Galilin kienu iżjed midinbin mill-Galilin l-oħra biex soffrew dan kollu?»**
Fl-Iskrittura nsibu każijiet fejn Alla juri l-korla tiegħu li teqred lill-midinbin minħabba l-ħżunija tagħhom (ulied Aron, Nadab u Abiħu - cfr *Lev* 2:10; Koraħ u sħabu – cfr *Num* 16:31-33; Anna u Saffira – *Atti* 5:1-10; Erodi Agrippa – *Atti* 12:23). Episodju bħal dawn joħolqu l-mentalità li tgħaqqad il-mard u d-disgrazzja bħala kastig ta' Alla għad-dnub (cfr *Ġob* 22:5-26; *Ġw* 9:2). Eħfef li wieħed jispjega t-tbatija bl-iskema ta' dnub-kastig milli tħalli t-tbatija tal-ieħor tidħol fil-ħajja tiegħek u tagħfas fuq ir-responsabilità li għandek. Ir-*razzjonalizzazzjoni* hija għadu kbir għall-interjorità – tista' twassal lid-dixxiplu biex isir bħal dawk il-ħbieb ta' Ġob li jispiċċaw iżidu t-tbatija ta' dak li suppost ġew «biex juruh is-sogħba tagħhom u jfarrġuh» (*Ġob* 2:11): «Jien inkurlat għalik [Elifaż it-Temani] u għaż-żewġt iħbieb tiegħek.

Għax intom ma għedtux is-sewwa fuqi [...] Ġob, il-qaddej tiegħi, jitlob għalikom u jiena minħabba fih ma nikkastigakomx għall-bluha li wrejtu meta ma tkellimtux is-sewwa fuqi bħal Ġob il-qaddej tiegħi.» (*Ġob* 42:7-8).

**Le, ngħidilkom, imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom.**

Ġesù *jaqra* din l-aħbar bħala *okkażjoni* biex wieħed jibda *mixja ta' konverżjoni* (gr. «μετανοέω», tr. metanoeo): bidla ta' moħħ u ta' qalb. Hija sejħa biex wieħed *ireġġa' kollox lejn Alla*, jorbot kollox miegħu: jqis kollox fl-*orjentament* tiegħu lejH (bl-Ebrajk il-kelma «shûb» tfisser *ritorn* lejn JHWH). Il-Kristjan huwa dak li fi ħdan il-Knisja jemmen "li l-Mulej huwa l-iskop tal-istorja tal-bniedem, il-punt li lejh jieħdu x-xewqat tal-istorja u taċ-ċiviltà, iċ-ċentru tal-ġens tal-bnedmin, l-hena tal-qlub kollha u t-tweġiba għax-xewqat kollha tagħhom." (*Gaudium et spes*, 45). Id-dixxiplu għandu jara f'kull mument l-okkażjoni biex iwieġeb għax-xewqa ta' Alla li ma jridx il-mewt tal-midneb, imma li jerġa' lura u jgħix (cfr *Eżek* 33:11). Aktar milli l-moħħ li joqgħod jilgħab bil-kunċetti u l-iskema fit-tentattiv li jispjega u jaħkem dik it-tbatija li tibqa' dejjem mingħajr spjegazzjoni sħiħa, il-bniedem hu msejjaħ sabiex *jiffoka l-attenzjoni* tiegħu fuq *qalbu* – il-post tal-intelliġenza vera, tad-deċizjoni; dik il-qalb li l-Mulej irid jibdilha f'*qalb tal-laħam* (cfr *Eżek* 26:36): «Nagħtihom qalb li tagħrafni; għax jien il-Mulej, u huma jkunu l-poplu tiegħi; u jiena nkun Alla tagħhom, meta jerġgħu lura lejja b'qalbhom kollha.» (*Ġer* 24:7). L-atteġġjament tal-konverżjoni huwa dak tal-*umiltà*, ta' min ma jħossux eżenti mill-konsegwenzi tad-dnub. Anzi, minflok jitfa' aktar tbatija fuq min hu diġà batut, għandu jsir *proxxmu* tal-batut, billi jgħinu minflok jiġġudikah u jabbandunah. Jeħtieġ niġġieldu l-*globalizzazzjoni tal-indifferenza* fejn *"kważi bla ma nintebħu, nitilfu l-ħila li tiġina ħniena quddiem il-karba tal-uġigħ tal-oħrajn, ma nibqgħux nibku iżjed quddiem it-tbatija tal-oħrajn, u lanqas jinteressana nieħdu ħsiebhom, qisu kollox kien responsabbiltà li ma tmissx lilna u għalina hu barranija"* (*Evangelii gaudium* 54; cfr *Misericordiae vultus* 15). Il-mistoqsija l-vera għandha tkun fuq x'ser nagħmel jien minflok wieħed jintilef fi kliem vojt: «il-kliem żejjed mhux nieqes mill-ħtija» (*Prov* 10:19).

**Jew dawk it-tmintax-il ruħ li fuqhom waqa' t-torri ta' Silwam u qatilhom...**

L-inċidenti għandhom ifakkru fil-verità li «ara, tul xibrejn għamiltli jiemi, żmien ħajti qisu xejn quddiemek. Tassew, daqsxejn ta' nifs kull bniedem.» (*S* 39:6). Għalhekk għandu jżomm imbiegħed mill-filosofija ta' min jara l-iskop tax-xogħol tiegħu sempliċiment biex jasal

f'mument fejn ikun jista' jgħid lilu nnifsu «strieħ, kul, ixrob, ixxala» (*Lq* 12:19). Il-bniedem għandu jitqaddes permezz tal-ħidma tiegħu u għalhekk għandu jżomm il-bogħod mill-għażż u jfittex li permezz ta' ħidmietu jkompli *jagħmel il-ġid* bla qatt ma jgħejja (cfr *2 Tess* 3:6-14). Il-bniedem li jfittex il-ħajja bla xogħol jirriskja li l-proġetti tiegħu jkunu jixbhu lit-torri tal-bennej bla moħħ: «Dan il-bniedem beda jibni u ma kellux il-ħila jkompli sal-aħħar» (*Lq* 14:30). Għalhekk quddiem it-traġedji naturali, Ġesù jtenni s-sejħa għall-konverżjoni quddiem id-dgħjufija tal-ħajja u tal-kundizzjoni umana.

**U qalilhom din il-parabbola: «Wieħed kellu siġra tat-tin imħawla fl-għalqa.**

Is-«siġra tat-tin» u l-«għalqa» huma riferiment għall-Poplu ta' Alla, f'kontinwazzjoni mat-tradizzjoni profetika (cfr *Ġer* 8:13; *Hos* 9:10; *Mik* 7:1; *Is* 5:1-7). Bil-fidwa miksuba minn Kristu din l-«għalqa» ssir il-komunità tad-dixxipli tiegħu: «l-għalqa jqabbilha lil bdiewa oħra li jroddulu l-frott fi żmienu» (*Mt* 21:41).

**Mar ifittex il-frott fiha, u ma sabx.**

Din il-parabbola tfakkar f'episodju li jseħħ fil-ħajja ta' Ġesù meta jisħet siġra tat-tin li ma jsibilhiex frott minħabba li ma kienx l-istaġun (cfr *Mk* 11:12-14). Mis-siġra tat-tin id-dixxiplu għandu jitgħallem jaqra ż-żmien ta' issa (cfr *Mt* 24:32) bħala dak li fih għandu joħroġ minnufih mill-isterilità u jagħti l-frott: «Għalhekk, ħuti, b'ħeġġa akbar għandkom tfittxu li ssaħħu s-sejħa u l-għażla tagħkom; għax jekk tagħmlu hekk ma titfixklu qatt.» (*2 Pt* 1:10, cfr vv.5-10). Ġesù għażel u sejjaħ lid-dixxipli tiegħu sabiex jagħmel frott li jibqa' (cfr *Ġw* 15:16). Dan hu l-*frott tal-Ispirtu*: «l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan» (*Gal* 5:22-23).

**Għalhekk qal lil dak li kien jaħdimlu l-għalqa: "Ara, ili tliet snin niġi nfittex il-frott…Mela aqlagħha! Għax għalfejn sa tibqa' tkidd l-art?"**

It-«tliet snin» jistgħu jirrappreżentaw iż-żmien ta' qabel iċ-ċirkonċiżjoni tal-qalb u tlaqqim tal-bniedem fi Kristu (cfr *Lev* 19:23-24; *Rum* 11:17-24). Ħajja bla frott mhux biss hi ħatja ta' *nuqqas tat-tajjeb* imma wkoll ta' *azzjoni ta' ħsara* («tkidd l-art»). Għalhekk il-bniedem li ma jħaddimx id-don tas-sejħa u l-għażla ta' Kristu jkun qed jiġbed fuqu l-kundanna tiegħu stess: «Jew trid tabbuża mill-kobor tat-tjubija tiegħu, mis-sabar u l-ġenerożità tiegħu? Ma tafx li b'din il-ħniena tiegħu Alla jrid iwasslek għall-indiema? B'din l-ebusija ta' rasek u n-nuqqas ta'

ndiema f'qalbek, inti qiegħed tiġma' għalik innifsek il-korla, għal jum il-korla, meta Alla għad jirrivela l-ġudizzju rett tiegħu [...]» (*Rum* 2:4-5; cfr *Mt* 3:10; 7:19; *Ġw* 15:2.6). Hemm bżonn dik «il-fidi li taħdem permezz tal-imħabba» (*Gal* 5:6).

**Iżda dak wieġbu: "Inti ħalliha, sinjur, għal din is-sena, sa ma nagħżqilha madwarha u nagħtiha d-demel.**

Il-Missier huwa «sid l-għalqa» (*Mt* 13:27; 20:1; 21:28.33...) u Ġesù huwa l-«iben» li f'idejh jafda l-kura tal-għalqa (cfr *Mt* 21:37). Il-ħidma ta' Kristu hija dik li jagħti l-ħajja lill-friegħi (cfr *Ġw* 15:5) billi jagħtihom l-ikel tal-Kelma u tal-Ġisem u d-Demm tiegħu. Din hija s-*sena tal-grazzja tal-Mulej* (cfr *Is* 5:1-7; *Lq* 4:19): «issa hu ż-żmien it-tajjab, araw, issa hu jum is-salvazzjoni» biex ma nirċevux il-grazzja tiegħu għalxejn (cfr *2 Kor* 6:1-2). Ilkoll f'Ġesù nsibu lid-«Difensur» li jilqa' għalina quddiem il-Missier sabiex ma nintilfux (cfr *1 Ġw* 2:1-2) u jislifna dan iż-*żmien tas-sabar* sabiex nikkonvertu u nagħmlu l-frott: «Mhux għax jiddawwar il-Mulej li jtemm il-wegħdiet tiegħu, kif jaħsbu xi wħud, imma qiegħed jistabar bikom għax ma jridx li xi ħadd jintilef, imma li kulħadd jersaq għall-indiema [...] Għalhekk, ħuti għeżież, waqt li nistennew dan kollu, qisu li jsibkom fis-sliem, bla tebgħa u bla dnub.» (*2Pt* 3:9.14).

**Id-dieħla għandha mnejn tagħmel il-frott; jekk le, aqlagħha."»**